MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2003

Numru 3/2003

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Brian Agius**
**Joseph Calleja**
**Noel Calleja**
**Kevin Falzon**

Illum, 23 ta' Gunju, 2003

Il-Qorti,

Rat l-Att ta' l-Akkuza numru 3 tas-sena 2002, kontra l-akkuzati Brian Agius, Joseph Calleja, Noel Calleja u Kevin Falzon, li bih huma gew akkuzati talli :

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi Noel u Joseph, ahwa Calleja, Brian Agius u Kevin Falzon kienu hbieb u midhla sew ta' xulxin. Gara li lejn il-weekend tal-ewwel gimgha ta' Settembru tas-sena elf disa mija disgha w disghin (1999), l-erba li huma kienu ltaqghu

w ftehemu, b'rizoluzzjoni wahda w komuni ghalihom, li jikkommettu sensiela ta' serqiet minn diversi bnadi f'Malta sabiex, imbaghad, mir-rikavat ta' dawk is-serqiet jaqsmu l-istess f'ishma indaqs bejniethom.

Kien ghalhekk li fil-lejl ta' bejn is-sitta w s-seba ta' Settembru tal-  imsemmija sena 1999, f'xi s-saghtejn ta' filghodu, Noel Calleja, Brian Agius u Kevin Falzon telqu mill-appartament fejn kien joqghod Noel Calleja f'Santa Venera, u rehulha sabiex jaghtu bidu ghas-sensiela ta' serqiet li riedu jaghmlu.

L-ewwel post li wasslu kien il-Hamrun, fejn fl-inhawi sabu vettura Prefect bin-numru tar-registrazzjoni CBE-115, appartenenti lil Rosario Demanuele.  Sgassaw din il-vettura, li allura kienet tiswa xi disa mitt lira, u t-tlieta li huma telqu minn hemm billi saqu din l-istess vettura.

Mill-Hamrun rehulha lejn Birkirkara minn fejn, wara li hallew f'dawk l-inhawi l-vettura Prefect li kienu serqu hin qabel, sabu vettura tal-ghamla Van Austin bin-numru tar-registrazzjoni KAP-046, appartenenti lil Joseph Borg, u wara li sgassawha, u hadu ghalihom innfushom l-istereo li kien hemm gewwa tal-ghamla Pioneer, serquha w telqu biha minn hemm.

Mill-Hamrun marru tas-Sliema fejn kellhom il-hsieb li jisirqu minn gewwa stabiliment tal-ikel, izda ma rnexxielhomx minhabba li kien hemm mara fit-triq li kienet qeghda tarahom, u allura bezghu w telqu minn hemm.

Waslu mbaghad San Giljan fejn Brian Agius, li kien issa qieghed isuq il-van misruq minnhom minn Birkirkara, qabad u faqa' l-hgiega tal-Joem Petrol Station bil-quddiem tal-van, u wara li dahlu lkoll kemm huma gewwa, serqu kwantita' ta' flus, accessorji b'kemm jiswew disa mitt lira. Il-hsara li kkagunaw sabiex irnexxielhom jidhlu gewwa kienet tammonta ghal madwar erba mija w tletin lira, u dan kollu sar ghad-detriment ta' Emmanuel Falzon.

Minn San Giljan marru San Gwann, u precizament quddiem l-istabiliment tal-Eurosport fejn, bil-quddiem tal-

van misruq li kienu qeghdin isuqu, farrku il-hgiega tax-xhowroom u, wara li dahlu gewwa, serqu b'kemm jiswew tmin mitt lira flokkijiet. Il-hsara li kkagunaw sabiex ghamlu hemm kienet fl-ammont ta' madwar tlett mija u ghaxar liri ghad-detriment ta' Marisa Perret.

Waslu mbaghad l-Imsida, u, wara li ghal darb'ohra farrku l-hgiega ta' barra tas-Sterling Service Station, fi Triq Testaferrata, serqu madwar seba mitt lira flus kontanti w accessorji. Il-hsara li kkagunaw sabiex ghamlu hemm kienet fl-ammont ta' madwar mitejn u ghoxrin lira ghad-detriment ta' Charles Mifsud.

Mill-Imsida regghu spiccaw Birkirkara fejn kienu hallew ipparkjata l-Prefect li kienu serqu hin qabel. Hemmhekk sabu lil Joseph Calleja li issa iddiefes u dahal fir-rizoluzzjoni w eghmil doluz komuni ta' shabu.

Minn Birkirkara saqu ghal San Pawl il-Bahar quddiem il-flower Shop. Bl-istess mod bhal qabel, kissru l-hgiega tax-showroom bil-quddiem tal-vettura, u wara li dahlu gewwa, serqu madwar disa mitt lira flus kontanti mill-cash register u accessorji. Il-hsara li ghamlu sabiex wettqu din is-serqa kienet fl-ammont ta' madwar mija w erbghin lira, kollu ghad-detriment ta' Mark Gatt.

Waqt li kienu San Pawl il-Bahar, nizlu hdejn il-Gillieru fejn hemmhekk kien hemm ipparkjata vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAN-531. Sgassaw din il-vettura u minn go fiha, filwaqt li shabu qaghdu ghassa barra, Brian Agius seraq zewg speakers tal-ghamla Kenwood, b'valur ta' madwar mitejn lira, kollu ghad-detriment ta' Carmel Vella.

Wara San Pawl il-Bahar, waslu Paceville fejn iddecidew li jisirqu kemm mill-Alleys Bar kif ukoll mill-Casablanca Restaurant. Hekk kif kienu qeghdin filwaqt li jkissru xi hgieg tal-entraturi principali, skattat l-alarm tal-Alleys Bar, u wara ftit tal-hion, waslu fuq il-post il-Pulizija. L-erba li huma inhasdu, bezghu u qabdu sabiex jaharbu minn fuq il-post, kulhadd jigri f'direzzjonijiet opposti. F'dan il-kaz, il-hsara li lehqu kkagunaw f'dan l-istabiliment kienet ta' cirka tmenin lira ghad-detriment ta' Ibnaff Abbsandad.

Fortunatament, kien propju f'dan il-kaz li l-erba li huma gew finalment intercettati w arrestati mill-Pulizija u b'hekk giet fit-tmiem is-sensiela ta' serqiet li huma kienu qeghdin jikkommettu f'dan il-lejl partikolari.  Pero' mhux qabel ma kien hemm akkadut iehor kif jigi spjegat u elaborat fil-kap immedjatament wara dan.

B'dawn l-atti esterni kollha kommessi minnhom b'rizoluzzjoni wahda u b'eghmil doluz komuni, l-imsemmija Brian Agius, Joseph Calleja, Noel Calleja u Kevin Falzon, irrendew ruhhom hatja tad-delitt tas-serq aggravat bil-kwalifika tar-reat kontinwat.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmija Brian Agius, Joseph Calleja, Noel Calleja u Kevin Falzon, hatja ta' serq ta' flus u oggetti li jiswew aktar minn elf lira, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza (hsara fil-propjeta' w meta l-hallelin, ghad li ma jkunux armati, jipprezentaw ruhhom izjed minn tnejn), bil-mezz (ksur ta' gewwa jew ta' barra jew bi skalata cioe' billi b'xi mod wiehed jixxabbat biex jitla' jew jinzel, jew ksur ta' mezzi bhal dawn li qeghdin sabiex ma jhallux id-dhul f'dar jew f'lok iehor jew  f'recint], bil-valur [aktar minn mitt lira], bil-hin [bejn inzul u t-tlugh ix-xemx] u bix-xorta tal-haga misruqa [meta jsir fuq xi vettura f'post pubbliku jew f'post accessibbli ghall-pubbliku, jew fuq xi parti jew accessorju ta', jew fuq xi haga li tkun go, dik il-vettura]; b'dan, li r-reat sar b'diversi atti maghmula u li kienu jiksru 1-istess disposizzjoni tal-ligi, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

U peress li b'dak li hawn qieghed jigi addebitat lil Brian Agius, jigi wkoll li huwa kkommetta dan id-delitt f'perjodu operativ ta' sentenza sospiza, peress li b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-22 ta' Jannar, 1998, huwa kien gie misjub hati ta' serq aggravat u inghata tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin, kif ukoll li huwa recidiv peress li b'sentenza ohra tal-imsemmija Qorti tal-5 ta' Settembru, 1997, huwa kien gie misjub hati ta' tentattiv ta' serq aggravat u gie kkundannat multa ta' LM100 u gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal zmien sentejn, l-Avukat Generali jaddebitah ukoll bir-recidiva, bil-

kommissjoni ta' reat f'perjodu operativ ta' sentenza sospiza u bil-ksur tal-kundizzjoni imposta fuqha ghal perjodu meta gie liberat kif hawn fuq inghad.

U peress li b'dak li hawn qieghed jigi addebitat lil Kevin Falzon, jigi wkoll li huwa kkommetta dan id-delitt f'perjodu operativ ta' sentenza sospiza, peress li b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-22 ta' Jannar, 1998, huwa kien gie misjub hati ta' serq aggravat u inghata tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin, kif ukoll li huwa recidiv peress li b'sentenzi ohra tal-imsemmija Qorti tal-24 ta' Mejju, 1996, tat-2 ta' Dicembru, 1997 u tal-15 ta' Dicembru, 1998, huwa kien gie misjub hati ta' reati, ossia delitti, l-Avukat Generali jaddebitah ukoll bir-recidiva, ubil-kommissjoni ta' reat f'perjodu operativ ta' sentenza sospiza.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati w illi kull wiehed minn Noel Calleja u Joseph Calleja jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal mhux inqas minn tlett snin u mhux aktar minn tnax-il sena, u kull wiehed minn Brian Agius u Kevin Falzon jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal mhux inqas minn erba snin u mhux aktar minn ghoxrin sena, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261 (a)(b)(c)(f)(g), 262 (1)(a)(b), 263 (a), 264 (1), 266 (1), 270, 271(g), 280 (1)(2), 281, 289, 18, 31, 49, 50, 20, 28A sa''28H, 591, 592, 467 (2)(3)(4), 42 (d)(e), 43, 45 (b)(c), u 533 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll fl-artikoli 5, 9, u 10 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' kull wiehed mill-imsemmija akkuzati.

2) u wara li fit-tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta kif ga' accennat u inghad fil-kap precedenti, is-sensiela ta' serqiet miftehema w maghmula minn Brian Agius, Noel u Joseph ahwa Calleja u Kevin Falzon, giet fit-tmiem taghha meta fis-serqa li kienu qeghdin jipprocedu li jikkommettu gewwa l-istabiliment ta' Casablanca Restaurant, Triq Elia Zammit, Paceville, huma gew sfrattati mill-Pulizija li gew fuq il-post wara li skattat il-burgler alarm tal-fond.

Fil-pront, l-erba li huma ddecidew li jaharbu minn fuq il-post, kull wiehed minnhom ghal rasu u f'direzzjoni differenti. Kienu ormai saru l-hamsa u kwart ta' filghodu, u Brian Agius fil-harba li beda jaghmel gibed lejn Saint Andrews Road u dahal bil-ghan li jistahba gewwa bini li kien ghadu qieghed jinbena u li kien imdawwar b'fence.

Fost id-diversi kuntistabbli tal-Pulizija li kienu gew fuq il-post, kien hemm il-kuntistabbli 670 Walter Sheldon. Dana lemah lil Brian Agius diehel gewwa l-imsemmi post u gera ghal warajh. I1-kuntistabbli Sheldon dahal gewwa l-istess post fejn kien dahal Brian Agius u lehqu f'post fejn allura 1-gholi kien ta' madwar erba filati u erba metri. Brian Agius sab ruhu f'diffikulta li jkompli jahrab u jigri jew li jinheba, u meta ra li l-kuntistabbli Sheldon kien prattikament mieghu, waqaf u dak il-hin iddecieda li appena 1-imsemmi Sheldon jipprova iffermah jara x'jaghmel sabiex joqtlu jew ipoggilu hajjtu f' periklu car. Inserta li Brian Agius ma kienx armat b'ebda mod, la b'xi arma tan-nar u lanqas b'xi sikkina jew arma ohra. Hekk kif il-kuntistabbli Sheldon qabdu minn id wahda, Brian Agius imbuttah bil-qawwa minn sidru ghal isfel. Gara li peress li f'dan il-waqt il-kuntistabbli kien ghadu qieghed jahtaf id Brian Agius, dana ingibed accidentalment ukoll l-isfel flimkien mal-istess kuntistabbli. Fortunatament, anke peress li minkejja l-gholi li kien hemm, il-punt fejn waqghu it-tnejn kien kopert b'hamrija ratba, hadd minnhom ma garrab xi griehi ta' natura gravi, u kellhom feriti pjuttost hfief, salv kumplikazzjonijiet.

U peress li dan 1-att estern Brian Agius ghamlu b'eghmil doluz, u cioe' bil-hsieb specifiku li joqtol lil PC 670 Walter Sheldon, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku u waqt li kien qieghed jaghmel dan is-servizz, huwa irrenda ruhu hati ta' attentat ta' qtil.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Brian Agius hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju u cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew persuni jew bil-hsieb li jqieghed

il-hajja taghhom f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill- volonta' tieghu.

Rat l-atti kollha proceswali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat illi, fil-waqt li, fis-seduta tat-13 ta' Gunju, 2003, l-akkuzati Brian Agius u Joseph Calleja wiegbu li ma kienux hatja skond l-Att ta' l-Akkuza, l-akkuzati Noel Calleja w Kevin Falzon mistoqsijin jekk kienux hatja wiegbu li kienu hatja skond l-Att ta' l-Akkuza w li regghu tennew din l-ammissjoni anki wara li l-Qorti wissiethom bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali ta' din id-dikjarazzjoni taghhom, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-verdett tal-gurati moghti fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2003, li bih il-gurati unanimament sabu lil Brian Agius hati taht l-ewwel kap tal-Att ta' l-Akkuza u b'sitt voti favur u tlitt voti kontra sabu lill-istess Brian Agius mhux hati skond it-tieni kap tal-Att ta' l-Akkuza izda hati biss talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni w b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti kkaguna offiza ta' natura gravi li setghet iggib perikolu ta' debbulizza permanenti fis-sahha jew il-funzjoni ta' xi parti tal-gisem ta' P.C. 670 Walter Sheldon u ta' difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem tal-istess persuna w ghax gabet marda tal-mohh jew tal-gisem li damet ghal tletin gurnata jew izjed inkella ghal daqshekk zmien zammet lill-offiz milli jmur ghax-xoghol, kif ukoll li bih, b'seba voti favur u zewg voti kontra sabu lill-Joseph Calleja mhux hati skond l-ewwel kap tal-Att ta' l-Akkuza, izda hati biss ta' serq ta' flus jew oggetti, liema serq huwa kwalifikat bil-vjolenza ghax il-hallelin ipprezentaw ruhom aktar minn tnejn, bil-mezz u bil-hin izda minghajr il-kwalifika tax-xorta tal-haga misruqa w minghajr il-kwalifika tal-valur b'dan li r-reat sar b'diversi atti maghmula u li kienu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi ukoll jekk fi zminijiet differenti, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

Rat il-verdett ulterjuri tal-gurija li bih unanimament sabet li Brian Agius ikkometta kemm id-delitt taht l-ewwel kap tal-Att ta' l-Akkuza kif ukoll dak taht it-tieni kap tal-Att ta' l-akkuza fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza peress li b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-22 ta' Jannar, 1998, huwa kien gie misjub hati ta' serq aggravat u nghata tmintax il-xahar prigunerija sospizi ghal tlitt snin, kif ukoll li huwa recidiv peress li b'sentenza ohra tal-imsemmija Qorti tal-5 ta' Settembru, 1997, huwa kien gie misjub hati ta' tentattiv ta' serq aggravat u gie kkundannat multa ta' LM100 u gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal zmien sentejn.

Tiddikjara lil Brian Agius, Noel Calleja w Kevin Falzon hatja talli fil-lejl ta' bejn is-sitta w s-seba ta' Settembru, 1999, ikkommettew serq ta' flus u oggetti, liema serq huwa kwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, b'dan li r-reat sar b'diversi atti maghmula w li kienu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u dana skond l-ewwel kap tal-Att ta' l-Akkuza;

Tiddikjara lil Joseph Calleja mhux hati skond l-ewwel kap tal-Att ta' l-Akkuza izda biss hati talli fil-lejl ta' bejn is-sitta w s-seba ta' Settembru, 1999, ikkometta serq ta' flus jew oggetti, liema serq huwa kwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-hin, izda mhux ukoll bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa, b'dan li reat sar b'diversi atti maghmula w li kienu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

Tiddikjara ukoll li l-hatja Brian Agius u Kevin Falzon ikkomettew dan id-delitt imsemmi fl-ewwel kap tal-Att ta' l-Akkuza, f'perjodu operattiv ta' sentenza sospiza peress li b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-22 ta' Jannar, 1998, huma kienu gew misjuba hatja ta' serq aggravat u nghataw tmintax il-xahar prigunerija sospizi ghal tlitt snin, kif ukoll li huma recidivi f'delitt peress li fil-kaz tal-hati Brian Agius, hu kien instab hati ta' tentattiv ta' serq aggravat mill-Qorti tal- Magistrati (Malta) b'sentenza tal-5

ta' Settembru, 1997 u gie kundannat multa ta' LM100 u gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi-zmien sentejn u, fil-kaz tal-hati Kevin Falzon, peress li b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-24 ta' Mejju, 1996, 2 ta' Dicembru, 1997 u tal-15 ta' Dicembru, 1998, huwa kien gie misjub hati ta' reat ;

Tiddikjara ukoll lil Brian Agius mhux hati skond it-tieni kap tal-Att ta' l-Akkuza izda hati biss talli fis-7 ta' Settembru 1999, go Paceville, San Giljan, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, kkaguna offiza ta' natura gravi li setghet iggib perikolu ta' debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem ta' P.C. 670 Walter Sheldon u ta' difett permanenti f'parti tal-ghamla tal- gisem tal-istess persuna u ghax gabet marda tal-mohh jew tal-gisem li damet ghal tletin gurnata jew izjed inkella ghal daqshekk zmien zammet lill-offiz milli jmur ghax-xoghol.

Tiddikjara ukoll li l-hati Brian Agius ikkometta dan ir-reat taht it-tieni kap tal-Att ta' l-Akkuza fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, peress li b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-22 ta Jannar, 1998, huwa kien gie misjub hati ta' serq aggravat u nghata tmintax il-xahar prigunerija sospizi ghal tlitt snin, kif ukoll illi huwa recidiv peress li b'sentenza ohra tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Settembru, 1997, huwa kien gie misjub hati ta' tentattiv ta' serq aggravat u gie kundannat multa ta' LM100 u gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal zmien sentejn;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli diffensur kif ukoll tal-abbli prosekutur dwar il-piena;

Semghet u qieset ix-xhieda ta' Fr Charles Pulis u Joeanne Battistino in difeza tal-hati Brian Agius u ta' Francis Vella, Josephine Buhagiar u Carmen Borg in difeza tal-hati Noel Calleja;

Ezaminat bir-reqqa il-fedini penali aggornati esebiti mill-Prosekuzzjoni fuq talba tal-Qorti;

Qieset favur il-hatja Noel Calleja u Kevin Falzon , l-fatt li huma rregistraw ammissjoni fi stadju bikri tal-process u qabel ma giet iffurmata l-gurija, pero' dana hafna zmien wara li tressqu l-Qorti akkuzati bir-reat li tieghu nstabu hatja u kif ukoll zmien ferm wara li gie prezentat l-Att ta' l-Akkuza:

Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja; (Ara "Ir-Repubblika ta' Malta vs Nicholas Azzopardi" Qorti Kriminali, (24.2.1997); "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa", Qorti tal-Appell Kriminali, (7.7.2002) u BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE, (Blackstone Press Limited- 2001 edit. ecc.);

Qieset b'mod generali fil-konfront tal-erba hatja li l-piena, barra milli tirriforma lill-hati - fejn dan hu possibbli - trid ukoll isservi ta' deterrent generali, specjalment fejn si tratta ta' reat bhal ma hu r-reat ta' serq li sar reat prevalenti li fid-diversi forom tieghu qed jaffliggi lis-socjeta' Maltija w qed johloq alarm socjali w insikurta' kbira fost ic-cittadini li ghandhom id-dritt li l-propjeta' taghhom tkun protetta w tutelata f'kull hin u cirkostanza mill-istat civili w mill-forzi tal-ordni kontra l-agir endemiku ta' nies li jatuha ghall-hajja kriminali.

Qieset b'mod partikolari fil-kaz ta' kull wiehed mill-hatja s-segwenti :-

Fil-kaz tal-hati BRIAN AGIUS, li llum ghandu erba w ghoxrin sena, li dan ilu jahbat difrejh mal-ligi minn mindu kellu erbatax il-sena w gie misjub hati mill-Qrati ghal mhux inqas minn ghaxar darbiet u dana ghall-numru kbir ta' kazijiet ta' serq aggravat, hsara volontarja fil-propjeta', tentattiv ta' serq u sahansitra serq mill-Istitut ta' San Guzepp fejn kien qed jigi alloggjat. Illi minnkejja li l-Qrati wrew klemenza w komprensjoni mieghu diversi drabi w ripetutament illiberawh b'kondizzjoni li ma jaghmilx reati ohra, huwa xorta wahda kompla bil-hajja refrattarja tieghu. Anki meta nghata sentenza ta' habs sospiza, dan ma

jidhirx li serva biex hu jieqaf mill-agir kriminuz tieghu w fl-ahhar il-Qrati kellhom jirrikorru biex jissentenzjawh ghall-habs mill-inqas darbtejn.

Illi l-Qorti qieset fil-konfront tieghu il-background familjari tieghu w li hu forsi ntefa' ghall-hajja kriminali minhabba l-ambjent familjari hazin li trabba' fih u l-influwenza hazina ta' huh akbar minnu u qieset ukoll li hu qed igib ruhu sew fil-habs civili fejn jidher fdat mill-awtoritajiet tal-habs. Pero' dawn il-fatturi fil-fehma tal-Qorti ma jistghux iwasslu biex il-Qorti ma tapplikax il-ligi fil-konfront tieghu meta tigi ghall-piena misthoqqa. Huwa minnu ukoll li l-ahhar ksur tal-ligi kommess minn dan il-hati jirrisali ghas-sena 1999, pero' wiehed irid josserva ukoll li, al menu sa minn Jannar 2002, dan il-hati kien il-habs u allura ma tantx kellu opportunita' li jkompli bil-hajja refrettarja tieghu anki kieku ried.

Inoltre din il-Qorti trid ukoll tqis li hu ukoll instab hati ta' offiza gravi nvolontarja fuq il-persuna ta' P.C. Walter Sheldon, waqt li dan l-ufficjal tal-Pulizija kien bl-akbar kuragg u determinazzjoni qed jaqdi d-doveri tieghu w jipprotegi lis-socjeta' u li minhabba din l-offiza gravi, dan il-kuntistabbli ser jibqa' jsofri ghall-ghomru intortament.

Illi l-Qorti qieset fil-konfront tieghu il-background familjari tieghu w li hu forsi ntefa' ghall-hajja kriminali minhabba l-ambjent familjari hazin li trabba' fih u l-influwenza hazina ta' huh akbar minnu u qieset ukoll li hu qed igib ruhu sew fil-habs civili fejn jidher fdat mill-awtoritajiet tal-habs. Pero' dawn il-fatturi fil-fehma tal-Qorti ma jistghux iwasslu biex il-Qorti ma tapplikax il-ligi fil-konfront tieghu meta tigi ghall-piena misthoqqa. Huwa minnu ukoll li l-ahhar ksur tal-ligi kommess minn dan il-hati jirrisali ghas-sena 1999, pero' wiehed irid josserva ukoll li, al menu sa minn Jannar 2002, dan il-hati kien il-habs u allura ma tantx kellu opportunita' li jkompli bil-hajja refrettarja tieghu anki kieku ried.

Inoltre din il-Qorti trid ukoll tqis li hu ukoll instab hati ta' offiza gravi nvolontarja fuq il-persuna ta' P.C. Walter Sheldon, waqt li dan l-ufficjal tal-Pulizija kien bl-akbar

kuragg u determinazzjoni qed jaqdi d-doveri tieghu w jipprotegi lis-socjeta' u li minhabba din l-offiza gravi, dan il-kuntistabbli ser jibqa' jsofri ghall-ghomru intortament.
Il-Qorti qieset dak li rrizulta mix-xhieda dwar il-piena u cioe' il-fatt li jahdem, ghalkemm hawn jidher li gie licenzjat aktar minn darba mill-employer tieghu minhabba assentejizmu mix-xoghol x'aktarx in konnessjoni ma perjodi li fihom kien ikun arrestat; kif ukoll dak li xehdet fir-rigward tieghu l-ufficjal tal-probation Carmen Borg li qeghda tissorveljah li qalet li l-hati ghandu kaz iehor pendenti dwar serq.  Din qalet li jzomm ukoll kuntatt regolari maghha.

Fil-fehma ta' din il-Qorti pero' il-fatt li ghandu relazzjoni stabbli ma tfajla u li din ser ikollha tarbija tieghu barra miz-zwieg ma jiggustifika bl-ebda mod lil din il-Qorti li ma tapplikaz il-piena stabilita mill-ligi li hija wahda ta' prigunerija, ghaliex kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenza taghha tal-15 ta' Mejju 2003, fil-kawza "Ir-Repubbblika ta' Malta vs.  Tracey Borg" il-fatt li persuna li tkun ghaddejja proceduri kriminali tiddeciedi li jkollha t-tfal waqt dawn il-proceduri ma hix raguni ghaliex dik il-persuna m'ghandhiex tiskonta d-debitu taghha versu s-socjeta'.  Altrimenti kieku kien hekk, dan jista' facilment jiftah il-bieb ghall-agir abuziv u irresponsabbli da parti ta' min ikun qed jistenna li jigi sentenzjat minn xi Qorti Kriminali billi jirrikorri ghall-espedjent li jkollu tarbija jew aktar.

Il-Qorti pero' qed tqis l-effetti tal-ammissjoni bikrija fil-kaz ta' dan il-hati.

Fir-rigward tal-hati KEVIN FALZON, li ghandu 24 sena, fejn ukoll qed tigi meqjusa l-ammissjoni bikrija, dan ilu jahbat difrejh mal-ligi minn mindu kellu erbatax il-sena w issubixxa mhux inqas minn sittax il-kundanna differenti mill-Qrati.  Minkejja li ripetutament inghata l-beneficcju tal-liberta' kondizzjonata u/jew tal-probation, ma weriex indima ghall-agir refrattarju tieghu.  Inghata sentenza sospiza w xorta kompla fil-hajja kriminuza w gie sentenzjat ghall-piena karcerarja darbtejn; darba ghall-perjodu ta' tlitt snin u darb'ohra ghall-perjodu ta' sitt xhur.

Hu gie misjub hati ta' hafna kazijiet ta' serq aggravat, serq minn vetturi, tentattiv ta' serq aggravat, hsara volontarja w offizi dwar sewqan. Inoltre anki nstab hati ta' sekwestru ta' w serq minn fuq il-persuna ta' mara anzjana, serq b'arma tan-nar u ricettazzjoni.

Il-Qorti qieset ukoll fil-kaz ta' dan il-hati li hu ammetta l-htija tieghu mall-ewwel fl-istqarrija tieghu mall-Pulizija w li kkopera mall-Pulizija.
Rat l-Artikoli 261 (a)(b)(c)(f)(g); 262 (1)(b); 263 (a); 264 (1); 266 (1); 267; 270; 271 (g); 276; 280 (1)(2); 281; 289; 49; 50; 28A sa 28H; 17 (b); 18; 20; 31; 45(b)(c); 467 (2)(3)(4); 533; 591 u 592 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 5, 9 u 10 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta ghar-rigward tal-ewwel kap tal-Att ta' l-Akkuza;
U l-artikoli 214, 215, 216(1)(a)(ii)(iii)(d); 218 (1)(a); (2); 225; 226 (1)(a) (Kif kien fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reat u qabel ma gie emendat bl-Att III tas-sena 2002), 49, 50, 52 28A sa 28H, 17(b); 31 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 5, 9 u 10 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta ghar-rigward tat-tieni kap tal-Att ta' l-Akkuza;

Tikkundanna lill-hati Brian Agius, recidiv, ghall-piena komplessiva ta' tmin snin prigunerija li minnha irid jitnaqqas kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni BISS ma dawn ir-reati;

Tikkundanna lill-hati Joseph Calleja ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien tletin xahar li minnha jrid jitnaqqas biss kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni BISS ma dan ir-reat;

Tikkundanna lill-hati Noel Calleja ghall-piena ta' hames snin prigunerija li minnha jrid jitnaqqas biss kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni BISS ma dan ir-reat;

Tikkundanna lill-hati Kevin Falzon, recidiv, ghall-piena ta' seba snin prigunerija li minnha jrid jitnaqqas kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni BISS ma dan ir-reat;

Tikkundanna inoltre lil-hati Brian Agius li jhallas parti mill-ispejjez tal-perizji fl-ammont ta' LM329.78c u cioe' import tal-ispejjez kollha peritali in konnessjoni mar-reat taht it-tieni kap tal-Att ta' l-Akkuza w sehmu proporzjonali tal-ispejjez kollha konnessi mal-ewwel kap tal-Att ta' l-Akkuza w - fin-nuqqas ta' hlas minnufieh - tordna li dawn jigu konvertiti f'terminu iehor ta' prigunerija skond il-ligi;

Tikkundanna lill-hati Joseph Calleja li jhallas is-somma ta' LM72.70c import ta' sehmu proporzjonali mill-ispejjez tal-perizji in konnessjoni mall-ewwel kap tal-Att ta' l-Akkuza ghal dak li jirrigwarda biss il-kazijiet li kien involut fihom hu w - fin-nuqqas ta' hlas minnufieh - tordna li dawn jigu konvertiti f'terminu iehor ta' prigunerija skond il-ligi;

Tikkundanna lill-hati Noel Calleja li jhallas is-somma ta' LM158.30c import ta' sehmu proporzjonali mill-ispejjez tal-perizji in konnessjoni mall-ewwel kap tal-Att ta' l-Akkuza w - fin-nuqqas ta' hlas minnufieh - tordna li dawn jigu konvertiti f'terminu iehor ta' prigunerija skond il-ligi;

Tikkundanna lill-hati Kevin Falzon li jhallas is-somma ta' LM158.30c import ta' sehmu proporzjonali mill-ispejjez tal-perizji in konnessjoni mall-ewwel kap tal-Att ta' l-Akkuza w - fin-nuqqas ta' hlas minnufieh - tordna li dawn jigu konvertiti f'terminu iehor ta' prigunerija skond il-ligi.

U fl-ahhar nett tibghat lill-istess hati Kevin Falzon quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex din tittratta mieghu skond il-ligi ghall-kommissjoni ta' reat iehor fil-perjodu operattiv tas-sentenza ta' tmintax il-xahar prigunerija sospiza ghall-tlitt snin lilu moghtija mill-istess Qorti fit-22 ta' Jannar, 1998.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------